MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2003

Numru 42/2003

**Illum, 18 ta’ Lulju 2003**

**App Nru 42/03 VDG(G)**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Cardona**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Cardona talli matul il-lejl ta’ bejn it-3 ta’ Frar 1998 u l-4 ta’ Frar 1998, waqt li kien fil-bazi militari tal-Qortin, limiti tan-Nadur, Ghawdex, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu fl-immanigjar tal-armi, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, permezz ta’ arma tan-nar (pistola tas-

servizz) spara u kkaguna l-mewt ta’ Eucharist Cassar mix-Xewkija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-21 ta’ Frar 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil imsemmi Paul Cardona hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu tmintax-il xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Paul Cardona, minnu pprezentat fil-5 ta’ Marzu 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew alternattivament it-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta’ Marzu, 2003; ikkunsidrat:

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) li kienet sabet lil Paul Cardona hati ta’ omicidju involontarju. Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza u ghas-sentenza tal-Qorti Inferjuri jistghu jigu konvenjentement rikapitolati fi kliem l-istess sentenza appellata, u dan peress li din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-atti kollha, hi sodisfatta li l-ewwel qorti ghamlet riassunt sostanzjalment korrett u kompresiv tal-fatti. L-ewwel qorti qalet hekk:

**“Illi fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Frar, 1998, Gunner Eucharist Cassar ta’ 38 sena instab mejjet b’ferita ta’ arma tan-nar f’rasu, fil-Control Room fil-barracks militari ta’ Qortin, in-Nadur, Ghawdex, b’pistola tas-servizz magenbu.**

**“Ir-rizultanzi tal-awtopsja kondotta fuq il-kadavru ta’ Eucharist Cassar ikkonfermaw illi miet b’mod istantaneu kawza ta’ lacerazzjonijiet massivi fir-ras provenjenti minn ferita b’arma tan-nar. Dan kien ukoll konfermat mill-ispecjalista forensiku Dr. Mario Scerri li kkonkluda illi l-isparatura saret minn arma li kienet qed tmiss ma’ ras il-vittma u l-isparatura saret b’mod orrizontali minn wara l-widna tal-lemin ghall-kranju fuq ix-xellug tar-ras. Dan l-espert wera dubji serji kemm dan seta kien suwicidju minhabba l-fatt li l-**

**"entry wound" kienet wara l-widna u l-arma intuzat b'mod orizzontali, haga li mhix indikattiva ta' suwicidju, skond l-istess espert.**

**"Il-Pulizija kienet hadet il-verzjonijiet tal-kollegi ta' Eucharist Cassar li kienu mieghu f'dawk il-hinijiet. Wiehed minn dawn il-kollegi kien l-imputat, il-bombardier Paul Cardona, li rrilaxja stqarrija <u>fil-5 ta' Frar, 1998</u> u qal li f'nofs il-lejl bejn it-3 u l-4 ta' Frar, 1998 kien irritorna fil-Control Room sabiex johrog in-nies tat-tieni ghassa u pogga l-arma tan nar fuq il-mejda bil-pouch miftugh u bil-magazine fl-arma. Malli pogga l-arma fuq il-mejda beda jikteb fil-'patrol report' meta dahal il-vittma biex jiehu l-arma halli jmur fuq l-ghassa tieghu u ghalhekk l-imputat infurmah illi kellu l-magazine fl-arma bi tmien rounds u appena kien beda jkellem lill-Gunner Galea, sema "hoss tal-ikkokjar tal-arma tas-servizz u f'dak il-hin stess, smajt hoss ta' sparatura gejja minn naha ta' fejn kien qieghed Karist…" (fol. 83). L-akkuzat ikkonferma illi l-arma kienet ghadha kemm giet ghandhom dak in-nhar stess u li Karistu kien spara ghal rasu, izda ma jafx jekk kienx intenzjonat jew le.**

**<u>"Fl-14 ta' April, 1998</u>, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija ohra biex jibdel il-verzjoni originali tieghu. F'din l-istqarrija Cardona qal li hu kien qieghed l-arma fuq il-medja u din kienet kompluta bil-pouch meta dahal flimkien ma' Gunner Silvio Tabone li rega hareg ftit wara. Ftit wara li hareg Tabone dahal Eucharist Cassar li kien imissu johrog fuq l-ghassa u qabad l-arma minn fuq il-mejda, "harigha mill-pouch taghha u beda jilghab biha fis-sens li dan beda idawwarha f'idejh bhal donnu beda ihares lejn il-genb taghha." (fol. 85). Il-magazine kien fl-arma izda mhux imdahhal sa gewwa u Cardona kien informa lil Cassar li dik kienet arma gdida u li kienet giet dak in-nhar stess. Meta rah jitgerfex, resaq lejh biex jurih kif jaghmel l-arma safe u ikkokjaha "bhala parti mill-procedura tas-safety" (fol. 86) b'idu il-leminija filwaqt illi l-arma kienet f'idu ixxellugija. Cardona kompla jispjega illi huwa kien bil-hsieb li l-arma kienet vojta u safe u**

**malli kellu l-arma ma' ras Cassar, precizament fuq il-lemin ta' rasu qallu "'"Hekk qeghda safety catch ara, ha nara tfaqqax" u dak il-hin gbidt il-grillu u l-arma tan-nar tas-servizz sparat" (fol 86). Fl-istqarrija iffirmata mill-imputat hemm registrat illi huwa qal lill-Gunner Lawrence Galea jghid li Cassar kien qabad l-arma minn fuq il-mejda u spara ghal-rasu. L-imputat jghid li hu ghamel hekk (ghax) kien bezghan hafna. Fit-tieni stqarrija tieghu Cardona kkonferma illi huwa spara l-arma ma' ras Cassar b'cajta ghaliex kellu f'mohhu li ma kienitx ikkargata. Cardona kien ikkonferma l-istqarrija tieghu u cioe` tal-14 ta' April 1998 l-ghada bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.**

**"L-akkuzat xehed ukoll quddiem din il-Qorti fit-<u>13 ta' Ottubru 2000</u> u fid-deposizzjoni tieghu kkonferma fl-intier taghha l-ewwel stqarrija li kien ta' fil-5 ta' Frar 1998 u effetivament rtira dak li kien qal fl-istqarrija tieghu tal-14 ta' April 1998. L-akkuzat qal illi huwa kien siefer fl-1 ta' April 1998 u mar-ritorn tieghu Malta fl-14 ta' April kien eskortat mill-Pulizija mill-ajruport lejn il-Depot tal-Pulizija u l-akkuzat irrilaxxja it-tieni stqarrija ghaliex beza li kienu ser isawtuh. It-test tal-parti tad-deposizzjoni tal-akkuzat hija hawn riprodotta u tghid hekk (fol. 692):**

***"Jiena malli wasalt id-depot kien hemm is-Supretendent [riferibilment ghas-Supretendent Bartolomeo Mula] u l-Assistent Kummissarju Rizzo u qaluli "Ahna lilek m'ahniex nemmnuk", x'hin regghu bdewli bl-istorja kollha. Ghidtilhom "jiena mhux jiena sparajtha l-arma". Qaluli "iva inti sparajtha". Qaluli "Ahna ghandna kollox fic-car". Is-Supretendent qalli "Mhux billi mort titqaddes fejn ohtok is-soru, lanqas jekk jinzel Alla mis-sema ma jiena ha nemmnek" u jiena bzajt u remghu jsabbtu jdejhom fuq il-mejda u s-Supretendent Rizzo qalli "Jiena ghandi dawn il-provi". Dahhal sebghu gol-klamar tal-linka, ghamel hekk u qalli "Ghandi dawn il-provi". Qalli "Issa l-gimgha d-diehla nghidulek izjed". Imbaghad jiena bzajt u bzajt li ha jsawtuni.***

**“L-akkuzat qal illi r-rakkont li jinsab fl-istqarrija tal-14 ta’ April huwa d-diskors tal-Ispettur Bartolo u ghazel li jiffirma l-istqarrija wara li l-Pulizija semmewlu l-familja.**

**“In-kontro-ezami l-akkuzat ikkonferma illi l-istqarrija tieghu tal-14 ta’ April, 1998, kien ikkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti l-ghada li iffirmaha u dana fil-bini tal-Qorti ta’ Ghawdex. Minn hawn hareg ukoll illi l-akkuzat kien jaghmel parti mil-Korp tal-Pulizija ghal zmien cirka sitt xhur u li waqt l-interogatorju kull darba li l-Ispetturi xorbu l-kafe’ kienu offrew l-istess lill-akkuzat, u li minn meta rrilaxxja l-istqarrija fl-14 ta’ April, 1998 ma kien avvicina lil hadd, hlief avukat, sad-data tad-deposizzjoni tieghu fit-13 ta’ Ottubru 2000.**

**“Gunner Lawrence Galea, li ssemma aktar kmieni, xehed illi huwa kien fil-Control Room qed jaqra ktieb meta dahal l-akkuzat, pogga pistola bil-pouch fuq il-mejda u beda jikteb xi haga fuq il-log book. Hames minuti wara dahal Karistu Cassar u pogga fuq ras il-mejda u l-imputat newwillu l-arma. Cassar harigha minn gol-pouch u beda jhares lejha u jdawwarha b’mod konfuz qisu ra ghall-ewwel darba u l-akkuzat offra li jurih kif tahdem u semghu jikkarga l-arma. Huwa fehem li kien ser jurih kif jahdem is-safety u rega kompla jaqra. F’hin minnhom sema lill-akkuzat jghid “halli nara tihux” u jisma’ t-tir u jara lil Cassar jgholli idejh il-leminija, ipoggiha wara widnejh u jaqa’ lura mal-art waqt li l-imputat gibed l-arma lura u halliha taqa’ mal-art u jghid “… hadet” (fol.181). Galea ukoll ta zewg verzjonijiet ta’ kif gara l-incident -- din tal-ahhar hija opposta ghal-dik li ta’ fl-ewwel stqarrija tieghu li taqbel ma’ l-ewwel stqarrija ta’ Cardona u cioe` tal-5 ta’ Frar, 1998. Huwa spjega illi kien ta verzjoni differenti ghar-raguni segwenti:**

***“Jiena ghidt hekk ghax il-bumbardier Cardona bdejt nithassru ghax kien mifxul u wara illi staqsejtu x’konna ser naghmlu huwa qalli ‘tghid xejn, anqas ma***

***tghid aktar ahjar', irrid nghid ukoll illi jien thassartu ghax huwa familja ghandu wkoll. Minhabba f'hekk jiena ma ghidtx il-verita' kollha (fol 184 u 185).***

**"Illi dawn il-verzjonijiet jehtieg qabel xejn ikunu konfrontati ma' fatti ohra li jiffurmaw parti mill-evidenza tal-kaz in dizamina. Kif gia kien rilevat, l-ezamijiet forensici urew illi l-bullet li qatlet lil Ewkaristu Cassar dahlet minn wara l-widna l-leminija u li l-arma kienet qed tmiss mar-ras meta kienet sparata. L-espert forensiku ikkonkluda li dan mhux sintomatiku ma' att suwicida sia minhabba l-fatt illi l-arma kienet qed tmiss ma' wara l-widna kif ukoll minhabba li l-arma kienet mizmuma b'mod orrizzontali fil-hin ta' l-isparatura.**

**"Illi r-rizultanzi tal-perizja dwar il-gun shot residue urew illi kienu saru ezamijet forensici sia fuq il-persuna kif ukoll il-hwejjeg tal-vittma, ta' Paul Cardona u Lawrence Galea – it-tliet persuni li kienu fil-kamra fil-hin tal-incident. Minn dawn l-ezamijiet jirrizulta illi fuq il-gisem u l-hwejjeg ta' Cassar instabu disa' particelli ta' gun shot residue (GSR), fuq Paul Cardona sbatax-il particella u fuq Lorry Galea tlett particelli. L-abbli espert spjega x'inhuma il-karatteristici tal-isparatura u li l-ghola koncentrazzjoni ta' particelli ta' GSR tinstab immedjatament wara li l-persuna tkun sparat arma tan-nar u li l-koncentrazzjoni ta' particelli ta' GSR tibda tonqos hekk kif jibda ghaddej il-hin mal-attivita` tal-persuna. Wara illi kkonsidra illi kien ghadda ammont ta' hin sakemm ittiehdu l-hwejjeg u kien swabbed il-Bumbardier Paul Cardona, l-ammont ta' particelli ta' GSR misjuba kien wiehed gholi hafna, l-istess espert ikkonkluda illi hemm probabilita` kbira hafna li Paul Cardona kien spara arma tan-nar (fol 321). L-istess espert ikkonkluda ukoll illi fuq il-persuna ta' Cassar kienu nstabu numru zghir ta' particelli ta' GSR u ftit ghall-persuna li jkun spara arma tan-nar u b'hekk ikkonkluda illi kien improbabbli li l-Gunner Eucharist Cassar kien spara arma tan-nar. Minn din il-perizja jirrizulta ukoll illi ma nstabu ebda particelli ta' GSR**

**fuq id il-leminija ta' Eucharist Cassar. Fuq il-persuna u hwejjeg ta' Lawrence Galea, ukoll prezenti fl-istess kamra fil-hin tal-incident, instabu tlett particelli ta' GSR."**

Din il-Qorti rriproduciet estensivament mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti ghax, kif diga qalet, hi tal-fehma li l-ewwel qorti kienet perfettament korretta meta tat il-kwardu tal-fatti li kien jemergi mill-provi akkwiziti kemm fil-kors ta' l-istruttorja kif ukoll wara li dik il-qorti kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali. L-uniku punt li, forsi, din il-Qorti tista' tippreciza huwa li t-trajjettorja tal-balla li ghaddiet minn ras Cassar kienet mhux wahda "orizzontali" (kif jinghad fis-sentenza) izda "kwazi orizzontali" (ara r-relazzjoni tal-espert Dott. Mario Scerri, fol. 130). Dan hu korroborat minn dak li xehdu l-esperti tal-ballistika il-Brigadier Maurice Calleja u s-Sur Joseph Farrugia meta qalu:

**Fost il-konkluzzjonijiet illi ghamilna fir-relazzjoni taghna hemm dik illi stajna nikkonstataw illi l-entry hole u l-exit hole ma kienux fl-istess livell. L-exit hole kienet xi ftit aktar gholja mill-entry hole, fil-fatt bejn wiehed u iehor differenza ta' pulzier kien hemm. Ghalhekk minn dan nikkonkludu li l-arma li kienet ippustjata ma' ras il-vittma kienet xi ftit angolata 'l fuq** (fol. 158-159).

Minkejja dan din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi sodisfatta li l-posizzjoni fejn kienet l-*entry hole* – wara l-widna l-leminija u ftit 'l fuq mill-livell taghha, kif jidher mid-diversi ritratti ezibiti – ma tantx hija kompatibbli ma' l-ipotesi li kien l-istess Cassar li ghamel il-pistola ma' rasu u (deliberatament jew accidentalment) spara, u dan semplicement ghax dik il-posizzjoni hija, biex wiehed jghid hekk, wahda "skomda" biex tintlahaq mill-istess vittma. Kien ikun differenti, per ezempju, li kieku l-*entry hole* kienet mal-genb tar-ras izda quddiem il-widna, bhal, per ezempju, fuq in-nghas.

L-aggravji ta' l-appellant, migjuba f'hames paragrafi, jistghu jigu konvenjentement trattati taht tlett aspetti. L-

ewwelnett l-appellant jilmenta li l-ewwel qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-provi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tieghu li hu kien ghamel l-istqarrija tal-14 ta' April, 1998 (li fiha ammetta li kien hu li kellu l-pistola f'idejh u ma' ras Cassar meta din hadet) ghax kien imbezza' u imwerwer mill-ufficjali tal-Pulizija li interrogawh. Frankament din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti hliet hafna zmien biex tezamina difiza li, anke mad-daqqa' t'ghajn, kienet wahda fjakka u li difficilment setghet, fid-dawl tal-provi kollha, twassal ghall-konsegwenza li l-istqarrija tal-14 ta' April, 1998 tigi dikjarata (kollha jew parti minnha) bhala li ma saritx volontarjament u allura tigi skartata (kollha jew in parti). Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-deposizzjoni ta' l-appellant quddiem l-ewwel qorti kemm ghal dak li hu l-ezami tieghu kif ukoll il-kontro-ezami, kif ukoll id-deposizzjonijiet tad-diversi ufficjali tal-Pulizija li interrogawh, u tikkondividi pjenament il-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti li l-istqarrija tal-14 ta' April, 1998 ghandha titqies kollha kemm hi bhala wahda volontarja fis-sens ta' l-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali. Il-fatt li persuna thossha bezghana jew imwerwra fil-kors ta' interrogatorju kondott b'mod regolari (1) minhabba l-fatt li tigi rinfaccjata bi provi (jew allegazzjonijiet) li jkunu juru (jew li jkunu jaghtuha x'tifhem) li l-pulizija tkun taf kif verament graw l-affarijiet, jew (2) semplicement ghax iddahhalha f'rasha (bla ebda raguni valida) li ser taqla' xeba' jekk ma tghidx certu affarijiet ma jgibx, bhala konsegwenza fil-ligi taghna, li dik l-istqarrija jew konfessjoni tkun involontarja. Il-qrati taghna dejjem irritjenew li biex konfessjoni titqies bhala involontarja (u ghalhekk inammissibbli) irid ikun hemm, bhala regola, ness ta' kawza u effett bejn minn naha l-agir tal-persuna f'awtorita` (il-persuna li tkun qed tinterroga) li tghid jew taghmel xi haga intiza biex thedded jew tbezza`, jew biex twieghed jew twebbel, jew li ragonevolment tammonta ghal minacca jew ghal promessa ta' vantagg, u minn-naha l-ohra dak li l-persuna interrogata tkun ammettiet. Issa, fil-kaz in dizamina ghandna persuna adulta, inkarigata b'xoghol responsabbli fl-Armata, li giet interrogata b'mod regolari mill-ufficjali tal-Pulizija. Fil-fehma tal-Qorti il-biza' li kellu l-appellant kien dovut eskluzivament ghall-fatt li beda jirrealizza li ma kienx possibbli aktar li jkompli jsostni l-

ewwel versjoni tieghu, cioe` li kien Cassar li kien spara ghal rasu, u li l-Pulizija kienu jafu, minn provi ohra li kellhom, li l-arma kienet f'idejh meta hadet jew giet sparata. Din il-Qorti, fl-ahharnett tosserva li anke jekk l-appellant qal xi haga lill-ufficjali tal-Pulizija li proprjament ma riedx jghidha (jew ghax hassu imbezza' jew ghax ma kienitx il-verita`) huwa kellu kull opportunita` li jirregolarizza s-sitwazzjoni l-ghada meta tressaq quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dott. Paul Coppini (ara fol. 70 tal-atti). F'din l-okkazzjoni huwa rega' nghata t-twissija, din id-darba mill-Magistrat, u temm id-deposizzjoni guramentata tieghu hekk:

**Jiena rrid nerga' nikkonferma illi l-verita` tal-affarijiet kif sehhew fl-incident in kwistjoni huma dawk illi jien spjegajt fl-istqarrija rilaxxjata minni l-bierah[1] u ezibita mill-Ispettur Carmelo Bartolo bhala dokument CB.**

Ghalhekk dana l-aggravju (jew kombinazzjoni ta' aggravji) dwar l-involontarjeta` tal-istqarrija tal-14 ta' April, 1998 jew ta' parti minnha qed jigi respint.

L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel qorti ma tatx piz dwar il-fatt li ma nstabux impronti digitali li jaqblu ma' dawk ta' l-appellant, kif ukoll li waslet ghal konkluzzjoni zbaljata mill-presenza tal-GSR. Dan l-aggravju (jew zewg aggravji) huwa infondat. Ir-relazzjoni tal-espert tal-impronti digitali Joseph Bongailas saret, fil-fehma ta' din il-Qorti, inutilment peress li P.S. 282 Pierre Grech ma kien eleva ebda impronta minn fuq l-arma – ara pargarafu 11 tar-relazzjoni tas-Surgent Grech, fol. 287. Kullma ezamina l-perit Bongailas kienu impronti misjuba erba' minnhom fuq in-*notice board* li kien hemm fil-*control room* (fejn gara l-incident) u impronta wahda li instabet fuq il-bieba tal-kaxxaforti fl-istess kamra. Kwantu ghall-presenza ta' GSR, jigi osservat li meta l-periti l-Ispizjar Mario Mifsud u s-sur Charles Muscat ipprezentaw ir-relazzjoni taghhom fit-2 ta' Gunju, 1998, dawn ma gew b'ebda mod kontro-ezaminati dwar il-konkluzzjonijiet li kienu waslu ghalihom – la gew kontro-ezaminati f'dik il-gurnata li pprezentaw ir-relazzjoni

[1] 14 ta' April, 1998.

u anqas f'xi gurnata ohra. Kullma ghamlet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata kien li addottat – kif kellha kull dritt taghmel – il-konkluzzjonijiet ta' dawn iz-zewg esperti, u cioe` (1) li kien improbabbli li *Gunner* Eucharist Cassar kien spara arma tan-nar, (2) li t-tlett particelli li nstabu fuq il-hwejjeg ta' *Gunner* Lawrence Galea "jindikaw kontaminazzjoni mill-*primer* ta' meta arma tan-nar tigi sparata", u (3) kien hemm probabbilta` kbira hafna li l-Bumbardier Paul Cardona kien spara arma tan-nar. Biex tikkonkludi fuq il-provi, din il-Qorti ma tistax ma tosservax li d-deposizzjonijiet ta' *Gunner* Lawrence Galea huma determinanti ghar-risoluzzjoni tal-kwistjoni dwar f'idejn min kienet l-arma meta gie sparat it-tir fatali. Dawn id-deposizzjonijiet huma dik moghtija fil-kors tal-investigazzjoni dwar l-*in genere* fit-2 ta' April, 1998 (fol. 78), dik moghtija fit-2 ta' Gunju, 1998 (fol. 180) fil-kors ta' l-Istruttorja, u dik tas-26 ta' Ottubru, 2001 (fol. 729) meta l-istess Galea gie prodott bhala xhud in difeza (mhux in kontro-ezami, kif erroneament indikat fil-bidu ta' fol. 729). Deposizzjoni ohra li jidher li hadd ma ta importanza hija dik ta' *Gunner* Silvio Tabone tas-17 ta' Lulju, 1998 (fol. 594). Dan ix-xhud qal hekk (fol. 597):

**Il-Bumbardier Cardona beda jghid: "Xi grali, xi grali, se niggennen, se mmur naqbez. Issa jien se nlaqqatha, se nigi fit-trouble".**

**Meta jien staqsejtu: "Imma x'gara?", Cardona qalli li l-arma hadet f'idu.**

L-ahhar aggravju ta' l-appellant – li proprjament ma giex specifikat fir-rikors ta' appell izda li l-abbili difensur tieghu Dott. Angelo Farrugia, qajjem fil-kors tat-trattazzjoni fit-28 ta' Marzu, 2003 – huwa dwar il-piena. Issa, huwa veru li hawn si tratta ta' omicidju involontarju. Fiz-zmien meta sehh ir-reat il-piena kienet, skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn jew multa mhux izjed minn elfejn lira [2]. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-kaz jipprezenta fattispeci partikolari li jaggravaw b'mod konsiderevoli ir-responsabbilta` tal-

[2] Bl-emendi tas-sena l-ohra fil-Kodici Kriminali, il-piena llum saret ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hamest elef lira.

appellant ghal dak li gara. Huwa kien *Junior* N.C.O. inkarigat proprju minn, fost ohrajn, il-mejjet. Kien obbligu tieghu li jara u jassigura li arma tan-nar tigi trattata minn kulhadd skond l-i*standing orders* (ara dawn ir-regolamenti permanenti ezibiti a fol. 199 sa 215). Apparti dan, hija regola elementari – u m'ghandekx bzonn tkun la general, la kaptan u anqas bumbardier biex tkun tafha – li arma tan-nar **ma ghandha qatt u taht ebda cirkostanza tigi ppuntata fid-direzzjoni ta' xi hadd** jekk mhux meta jkun hemm il-hsieb li dik l-arma tintuza kontra dak ix-xi hadd. Kif fisser il-Kaptan Claudio Terribile (fol. 188 *bis*)

**L-ewwel [regola] bazika illi tigi mghallma lil kull suldat meta jkun ghadu rekluta [hi] illi l-arma ghandha dejjem tigi ppuntata x'imkien *safe*.**

U l-Brigadier Maurice Calleja xehed hekk (fol. 161):

**Huwa regolament bazi fl-Armata illi arma, hi x'inhi, m'ghandha qatt tigi ppuntata lejn persuna, lanqas meta l-*handler* ikun mija fil-mija (100%) cert illi hija vojta jekk il-*handler* ma jkollux l-intenzjoni minn qabel illi dik l-arma ghandha tintuza.**

In-nuqqas ta' l-appellant kien, ghalhekk, wiehed mill-aktar gravi. X'wasslu jaghmel il-gennata li ghamel – li prattikament jipprova arma ma' ras subaltern tieghu – ma huwiex ghal kollox car. Dak li din il-Qorti, pero`, hi konvinta minnu hu li l-kaz jimmerita certament piena karcerarja, u li l-piena erogata mill-ewwel qorti kienet wahda gusta.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------